



Kontinwità tas-servizz pubbliku Ewropew tal-ġustizzja: il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea tipprevedi li tkompli s-seduti għat-trattazzjoni mill-25 ta' Mejju 2020

Konformement mal-miżuri ta' iżolazzjoni adottati mill-awtoritajiet pubbliċi tal-Lussemburgu u tal-pajjiżi ġirien, l-istituzzjoni kienet stabbilixxiet, mis-16 ta' Marzu 2020, sistema ta' xogħol ibbażata fuq ix-xogħol mid-dar ġeneralizzat, bl-iskop prijoritarju li **titħares is-saħħa tal-persuni u tingħata kontribuzzjoni għall-ġlieda kontra l-pandemija**.

Permezz ta' adattament tal-organizzazzjoni interna tagħha u tat-teknoloġiji ta' xogħol mill-bogħod, l-istituzzjoni żgurat iż-żamma tal-attività ġudizzjarja tagħha b'106 kawżi maqtugħa u 29 konklużjonijiet mogħtija mis-16 ta' Marzu li għadda. Madankollu, minħabba r-restrizzjonijiet fuq iċ-ċaqliq applikabbli kemm fil-Lussemburgu kif ukoll fil-parti l-kbira tal-Istati Membri, is-seduti għat-trattazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ġenerali kienu għew iddifferiti.

Fid-dawl tal-miżuri sanitarji u tax-xenarji ta' rkupru adottati mill-awtoritajiet pubbliċi, b'mod partikolari fil-Lussemburgu, **is-sistema ta' xogħol tal-istituzzjoni ser tinbidel mill-25 ta' Mejju li ġej**.

Ix-xogħol mid-dar ġeneralizzat bħala prinċipju ser jinżamm. Din id-deċiżjoni hija konformi mar-rakkomandazzjoni fformulata mill-awtoritajiet tal-Istat ospitanti u tikkonsisti, għall-amministrazzjonijiet u għall-impriżi, fil-promozzjoni tax-xogħol mid-dar għal matul il-ħruġ mill-iżolazzjoni. Hija tiegħu inkunsiderazzjoni wkoll il-livell għoli ta' attività li tista' tingħata mill-bogħod f'dan il-mument.

Barra minn hekk, **jekk il-kundizzjonijiet jippermettu dan, ġie deċiż li ż-żamma tas-seduti għat-trattazzjoni terġa' tkun possibbli fil-perijodu li jmur mill-25 ta' Mejju sal-15 ta' Lulju 2020.**

Din it-tkomplija ser ikollha magħha l-adozzjoni ta' **protokolli ta' iġjene u ta' tbeġħid soċjali** li jippermettu li tiġi żgurata l-protezzjoni sanitarja tal-persuni kollha involuti fl-organizzazzjoni u fiż-żamma tas-seduti. B'mod partikolari, ir-rappreżentanti tal-partijiet ikkonċernati ser jirċievu għal dan il-għan spjegazzjonijiet iddettaljati min-naħa tar-reġistri taż-żewġ qrati.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea qed tadatta ruħha b'dan il-mod għall-evoluzzjoni tal-kuntest marbut mal-pandemija tal-coronavirus. Bit-tkomplija prevista tas-seduti għat-trattazzjoni, **hija qed toħloq il-kundizzjonijiet kollha sabiex tiggarantixxi kontinwità sħiħa tas-servizz pubbliku offrut lill-parti fil-kawża Ewropea, filwaqt li tħares lill-persunal tagħha u tikkontribwixxi għall-għanijiet ta' saħħa pubblika fil-ġlieda kontra l-pandemija.**